MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 382/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Brian Tonna**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Brian Tonna talli fis-16 ta' April 2011, għall-ħabta tas-1.30 hrs bħala persuna li f'ismu għandu licenzja ta' *substitute* tal-ħanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituż bl-isem ta' 'Memories Bar' li jinsab ġewwa Triq Gort, San Ġiljan:

(1) daqq jew ippermetta li tindaqq mużika b'kull mezz ġewwa post kummerċali li huwa liċenzjat biex idoqq mużika amplifikata b'tali mod li l-mużika baqgħet tinstema' minn barra wara 1.00hrs;

(2) irrifjuta li jagħti jew ta falz lill-Ispettur Malcolm Bondin u P.S. 157 ismu, kunjomu, fejn joqgħod jew partikularitajiet oħra;

(3) naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Ispettur Malcolm Bondin u P.S. 157;

(4) inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq l-Ispettur Malcolm Bondin u P.S. 157, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku;

(5) fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xort'oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispettur Malcolm Bondin u P.S. 157 filwaqt li kienu qed jaġixxu ghall-esekuzzjoni tal-liġi.

Il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex tħassar il-liċenzja jew tissospendiħa għal xi żmien skond id-diskrezzjoni tagħha;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95 u 96 kif ukoll 338(g) tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikolu [*recte:* regolament] 38(2)(c) tal-Liġi Sussidjarja 441.07 u l-artikolu 20 tal-Kap. 441, ma sabitx lill-imsemmi Brian Tonna ħati ta' l-ewwel imputazzjoni iżda sabitu ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, u kkundannatu għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' €300;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Brian Tonna ppreżentat fis-6 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dawk il-partijiet liberatorji tagħha, tirrevokaha fejn ġie misjub ħati u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti: (1) li, b’referenza għat-tieni imputazzjoni, huwa ta d-dettalji rikjesti mill-Pulizija u dawn kienu korretti, tant li l-Pulizija għamlu l-verifiki tagħhom u kkonfermaw li kienu korretti. L-akkuża odjerna fil-fatt iħarġet bid-dettalji korretti; (2) li, kwantu għat-tielet imputazzjoni, mhuwiex minnu li ma obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija. Jekk dawn kienu jikkonċernaw il-mużika, allura jirriżulta li din ma kinitx qed tinstema’ minn barra u kwindi ma kienx hemm għalfejn titbaxxa. Jekk mill-banda l-oħra dawn l-ordnijiet jirrigwardaw b’xi mod l-arrest, dan kien wieħed illegali għaliex ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jiġi arrestat; (3) li, kwantu għar-raba’ imputazzjoni, ma rriżultax illi l-appellant b’xi mod hedded jew inġurja lill-Pulizija; (4) li, kwantu għall-ħames imputazzjoni, l-arrest mill-Pulizija kien illegali għaliex ma kienet teżisti l-ebda raġuni valida għal tali arrest. Kwindi tali ordni ma kienx wieħed leġittimu u b’hekk il-Pulizija ma kinux qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi.

**6.** Dawn l-aggravji jirrikjeda apprezzament mill-ġdid tal-provi. Mix-xiehda li reġgħet semgħet din il-Qorti jirriżulta illi fil-ġurnata in kwistjoni l-Ispettur Malcolm Bondin u P.S. 157 Brian Mifsud kienu qegħdin xogħol Paceville u ħin minnhom dehrilhom li semgħu xi mużika għolja ġejja mill-istabbiliment “Memories”. Daħlu jaraw min kien responsabbli u biex jgħidulu jbaxxi l-volum. L-Ispettur Bondin spjega li l-bieb kien imbexxaq u kien għalhekk li kien qiegħed jinstema’. Issa, filwaqt illi l-Ispettur Bondin qal illi talab lill-appellant meta kien ġewwa l-istabbiliment biex ibaxxi l-mużika, l-appellant qal li pulizija għajjatlu biex joħroġ biex ikellmu. Il-fatt hu li l-appellant ħareġ barra u kien hemm skontru verbali bl-Ispettur jgħid lill-appellant ibaxxi l-mużika u l-appellant jgħid li l-mużika ma kinitx tinstema’ minn barra. Dwar x’ġara eżattament wara hemm konflitt fix-xiehda.

**7.** L-Ispettur Bondin xehed illi meta ra li l-appellant ma riedx ibaxxi l-mużika, qallu li se jkollu jieħu passi kontra tiegħu u talbu l-partikolaritajiet tiegħu iżda l-appellant irrifjuta li jtihomlu. F’dak il-mument, l-Ispettur Bondin qallu li se jkollu jarrestah u jniżżlu l-għassa. Qabad lill-appellant

minn idu, l-appellant imbuttah u qalagħlu l-ingravata iżda ġew in-nies u kkalmaw l-affarijiet u l-appellant tah il-partikolaritajiet tiegħu. X'ħin l-appellant imbuttah huwa żamm miegħu u l-appellant baqa' jimbuttah. B'referenza għar-raba' imputazzjoni, l-Ispettur Bondin qal li theddid u offizi fuq il-persuna ma kienx hemm iżda għal dak li jirrigwarda inġurji, l-appellant qal xi kliem iżda ma setax jiftakar eżatt xi kliem intużaw u mhux ħa joqgħod "jagħti każ dik il-kelma".

**8.** P.S. 157 Brian Mifsud ukoll xehed illi l-appellant beda jirrifjuta li jbaxxi l-mużika u, wara, li jagħti l-partikolaritajiet tiegħu. Ġew biex jarrestawh meta rrifjuta li jagħti l-partikolaritajiet u beda jxejjer b'idejh u jimbuttahom biex ma jħallihomx jarrestawh. Hu tahom il-partikolaritajiet wara li damu bejn hames u għaxar minuti jissaraw miegħu. Ma ftakar xejn dwar inġurji jew li sema' xi theddid u offiżi ma garrbux.

**9.** L-appellant jgħid illi fil-ġurnata in kwistjoni kienu waslu biex jagħlqu u għall-ħabta tas-1.30 a.m. il-bieb kien magħluq, il-mużika baxxa, ra l-bieb jinfetaħ u pulizija sejjaħlu biex joħroġ ħa jkellmu. Dan insista miegħu li jbaxxi l-mużika. Huwa qal li ma kinitx qed tinstema' minn barra u l-Ispettur qallu biex ma jitkessaħx għax jarrestah. L-appellant insista li ma kinitx qed tinstema' u l-Ispettur insista li hu kien qed jismagħha u qal lill-pulizija li kien miegħu biex jarrestawh, jimmanettjawh u jkaxkruh l-għassa. Qabduh u hu beda jiġbed idejh u ma hallihomx jimmanettjawh. Kien f'dak il-mument li talbuh il-partikolaritajiet u hu tahomlhom mill-ewwel. L-appellant ċaħad li mbotta lill-Ispettur u kull ma għamel li ġibed idejh. Mistoqsi mill-Qorti jekk qalagħlux l-ingravata lill-Ispettur, qal illi seta' laqtu l-ieħor iżda jekk kien hu ma kinitx intenzjonalment. Fil-għodu huwa mar għand it-tabib għax kien naqra eċċitat u kellu xi tbenġil fuq idejh (ara ċertifikat mediku a fol. 13).

**10.** Sergio Tanti kien il-*barman* fil-lokal dakinhar u daħlu żewġ pulizija jagħmlu sinjal biex xi ħadd minnhom joħroġ barra. Ħareġ l-appellant, bdew ikellmuh u f'daqqa waħda rahom qed jiġbdulu idejh. Ix-xhud qal li ħareġ, ġibed lill-

appellant u saqsihom x'ġara. Wieħed mill-pulizija qal lill-appellant: "Mela ersaq 'l hawn ħalli nitkellmu bil-kelma t-tajba." Dakinhar kienu kważi waslu biex jagħlqu.

**11.** Issa, f'dan il-każ l-appellant ma nstabx ħati mill-ewwel Qorti ta' l-ewwel imputazzjoni, jiġifieri l-imputazzjoni illi daqq jew ippermetta li tindaqq mużika amplifikata li kienet tinstema' minn barra wara s-1.00 a.m. U kienet proprju din il-kwistjoni li tat lok għall-iskontru bejn il-pulizija u l-appellant. Fil-fehma tal-Qorti l-kwistjoni kibret għalxejn. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti temmen li huwa aktar verosimili illi l-Ispettur Bondin ta l-ordni ta' arrest meta l-appellant irrifjuta li jagħti l-partikolaritajiet tiegħu u mhux meta ra li l-appellant ma riedx ibaxxi l-mużika. Għalhekk, ancorche` eventwalment huwa ta l-partikolaritajiet tiegħu, dan m'għamlux mill-ewwel u konsegwentement l-ewwel Qorti korrettement sabet ħtija dwar it-tieni imputazzjoni. Kwantu għat-tielet imputazzjoni, din għandha titqies assorbita fit-tieni imputazzjoni. Kwantu għar-raba' imputazzjoni, mix-xiehda stess li taw l-Ispettur Bondin u P.S. Mifsud, din ma tirriżultax. Mhuwiex suffiċjenti li jingħad (bħalma qal l-Ispettur Bondin) li "ntqal xi kliem" jekk ma jingħadx x'inhu dak il-kliem sabiex il-Qorti tkun tista' tiddetermina jikkostitwix inġurja jew le. Fl-aħħarnett, rigward il-ħames imputazzjoni, din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Mallia** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Mejju 1960:

**"Jekk kien hemm … mhux biss il-'via di fatto', imma l-vjolenza effettiva, allura kien hemm l-attakk; għaliex hemm ir-reat meta l-kolpevoli jkun, kif jghid il-Carrara, Progr. Speciale, Vol. V, para. 2746, 'spinto la mano … contro il corpo dell'esecutore … manifestando intenzione di offenderlo'. Divers kien ikun il-każ kieku kien hemm sempliċi minaċċi jew sempliċi kliem oltraġġjuż, jew mera 'inazione' (*ibidem*. para. 2745, u Annotaz. alle Leggi Criminal ital-Avukat Dr. Gpe. Falzon, para. 481).**

**"Għandha tiġi rilevata wkoll ċirkostanza oħra. Fil-kaz tal-'arrestando' stess, kif kien ħu l-appellant,**

**Lawrence Mallia, wieħed seta', kif evidentement għamel il-Maġistrat, iżomm quddiem għajnejh dan il-bran tal-istess Carrara, loc. cit.: 'La pratica ando` anche piu` oltre, e quantunque l'arrestando si fosse agitato colla persona, recando in tal guisa impaccio e difficolta` agli esecutori nel trasporto del proprio corpo, ed anche avesse portato la mano sul braccio dell'esecutore non per offenderlo, ma per distaccarlo dalla propria persona, disse che non vi era in tale contegno gli elementi della resistenza, scusando il contegno stesso come un moto istintivo procedente dal naturale desiderio della propria liberta`.'**

**"S'intendi dan kollu ma jkunx applikabbli malli l-'arrestando' jispinġi idejh fuq l-eżekutur biex joffendieh f'persuntu u jmur oltre s-sempliċi sforz biex jevadi l-arrest …."**

**12.** Fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa preċiżament dak li ġara fil-każ odjern. L-appellant b'ebda mod ma pprova jagħmel xi offiża fuq il-pulizija. Jekk kien hemm imbuttatura, din kienet biss reazzjoni istintiva meta l-Ispettur Bondin qabdu minn idejh biex jarrestah. Del resto jidher li kien hemm biss ġbid miż-żewġ naħat – l-Ispettur u s-Surġent jiġbdu lill-appellant u l-appellant jiġbed idejh lura. U dan ma jidħolx f'dak li hu attakk jew reżistenza skond l-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**13.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Brian Tonna ħati tar-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' tliet mitt euro (€300), u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' l-*ammenda* massima ta' tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23), u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li t-tielet imputazzjoni hi assorbita fit-tieni imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------